# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.11

## ORDNI DWAR IR-REVIŻJONI TAL-PENALI AMMINISTRATTIVA

1 ta' Settembru, 2005

*L-AVVIŻ LEGALI 302 ta' l-2005, kif emendat bl-Avviż Legali 424 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni dwar ir-Reviżjoni tal-Penali Amministrattiva.

Titolu.

**2.** F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor, "l-Att" tfisser l-Att dwar ix-Xandir.

Tifsira.
Kap. 350.

**3.** L-ammont ta' ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro (11,646) bħala penali amministrattiva stabbilita fl-ewwel proviso ta' l-artikolu 41(4)(*ċ*) ta' l-Att qiegħda tiġi hawn ordnata b'dan l-Ordni biex tinqara u tiftiehem bħala ammont ta' erbgħa u tletin elf u disa' mija u erbgħin euro (34,940).

Reviżjoni tal-penali amministrattiva.
*Emendat: A.L. 424 ta' l-2007.*